**22.ta' Frar, 1961**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Maestà Tagħha r-Reġina

*versus*

Emanuel Camilleri et.

**Provi — Aċċess — Rogatorji — Xhieda — Proċess Verbali — Art. 409(2), 629(2), 626, u 540 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi tiddisponi illi l-Qorti Istruttriċi tista', taħt dawk il-kawteli li jidhrulha meħtieġa sabiex tiħares id-deċenza, teżamina jew tordna li tiġi eżaminata minn periti, kull parti tal-ġisem tal-imputat. B'applikazzjoni ta' dan id-dispost tal-liġi, ma hux illegali jew null digriet tal-Qorti li jordna li minn ras l-imputat jiġi prelevat ftit xahar sabiex jiġi eżaminat minn espert minnha nominat.*

*Jekk persuna tixhed fil-kors tal-aċċess miżmum mill-Maġistrat, u mbagħad ma tinġiebx bħala xhud fil-kors tal-istruttorja għax kienet imsiefra, meta setgħet tiġi prodotta biex tixhed bil-mezzi legali, komprizi r-rogatorji, dik il-persuna ma tistgħax tinġieb bħala xhud quddiem il-Qorti Kriminali, u ma jistgħax isir użu mid-depożizzjoni li dik il-persuna tgħat fl-aċċess.*

*Huma ammissibbli bħala prova kontra l-imputat akkużat b'omiċidju xhieda li jirrigwardaw fatti li ġraw f'okkaż-*

*jonijiet oħra li ma humiex konnessi mal-fatt imputat lill-akkużat, in kwantu dawn ix-xhieda jistgħu jirrilevaw animu ostili tal-akkużat kontra l-mejjet, u jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kwadru tal-ambjent li fih hu allegat li sar il-fatt.*

*L-eċċezzjoni fis-sens li l-Qorti għandha teżenta milli jixhed xhud li jiġi mill-akkużat u li wera renitenza li jixhed, mhix kwistjoni ta' ammissibbilità jew le ta' prova, imma kwistjoni li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, eżerċibbli mhux fl-istadju tal-eċċezzjonijiet dwar il-provi, imma fi stadju ieħor kwante volte x-xhud jinvoka l-privileġġ essenzjalment personali tal-eżenzjoni.*

*Fil-ġudizzju quddiem il-Qorti Kriminali ma għandhiex tinqara dik il-parti tal-proċess verbali li tikkonsisti f'suni tad-depożizzjonijiet mogħtija fil-kors tal-aċċess minn persuni li jkunu sejrin jixhdu quddiem il-Qorti.*

*Lanqas hi kwistjoni ta' ammissibilità jew le ta' provi jekk xi tfal ta' età żgħira għandhomx jiġu ammessi biex jixhdu fuq l-allegazzjoni li minħabba l-età żgħira tagħhom ma jafux li hi ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz. Jekk dawn ix-xhieda għandhomx jixhdu jew le jiddependi mill-ġudizzju li tifforma l-Qorti dwar jekk jafux li hi ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz meta dawk il-persuni jidhru biex jixhdu.*

*Il-Maġistrat jista', anzi għandu, mhux biss jagħmel il-konstatazzjonijiet ta' fatt permanenti, imma anki jinnomina esperti, jisma' xhieda, u jagħmel kull ma jeħtieġ biex jaċċerta ċ-ċirkustanzi kollha; jista' saħansitra jordna l-arrest ta' persuni li mill-provi miġbura fl-aċċess jiskopri li huma ħatjin jew li kontra tagħhom ikun hemm indizji suffiċjenti. Kwindi mhix f'lokha l-eċċezzjoni fis-sens li l-proċess verbali tal-Maġistrat Inkwirenti mhux ammissibbli bħala prova għax ma ġiex magħmul skond il-liġi, billi jiġi allegat illi l-aċċess għandu jkun limitat għas-sempliċi konstatazzjoni tal-in ġenere, ċjoè tal-fatt allegat tal-kommissjoni tar-reat indipendentement mill-indaġini tal-awtur jew awturi tiegħu, u illi l-proċess verbali għandu jikkonsisti biss fl-espożizzjoni ta' dak li jkun ġie kostatat mill-Maġistrat.*

*Jekk hix ammissibbli bħala prova d-depożizzjoni mogħtija minn persuna li tiġi mill-akkużat, jew li turi renitenza biex tixhed fl-istadju tal- in ġenere u fil-kumpilazzjoni, kif ukoll kull riferenza għall-istess depożizzjoni fil-proċess verbali tal-Maġistrat Inkwirenti, jiddependi mill-mod kif il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha dwar l-eżenzjoni ta' dik il-persuna milli tixhed.*

Il-Qorti:— Rat in-nota tal-akkużat Emanuel Camilleri, li biha eċċepixxa:—

1. L-inammissibbilità bħala prova tar-rapport tal-espert Louis Charles Nicholls, M.Sc., A.R.C.S. Sc., F.R.I.C. tal-5 ta' Novembru 1960, peress illi d-digriet mogħti dak inhar stess mill-Qorti Istruttorja, li nnominatu, huwa illegali u null;

2. L-inammissibbilità tad-depożizzjoni ta' Inez Gatt u Imelda Dorington, li xehdu fl-istadju tal-in ġenere rispettivament fil-31 ta' Awissu 1960 u fit-12 ta' Settembru 1960; għaliex dawn ix-xhieda ma ġewx prodotti fil-kumpilazzjoni skond ma jipprovdi l-art. 642(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali;

3. L-inammissibilità ta' provi li jirrigwardaw fatti li ġraw f'okkażjonijiet oħra li ma humiex konnessi mal-fatt li tiegħu l-esponent jinsab akkużat, li huma estranei għall-preżenti ġudizzju, u li ma jtendux biex jiddimostraw jew jeskludu l-fatti kostitwenti r-reat dedott kontra l-esponent;

4. Illi fil-każ tax-xhud Carmen Aquilina din l-Onorabbli Qorti għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fissens li ma ġġiegħalhiex tixhed kontra l-esponent, li, għalkemm mhux missierha, huwa persuna li vis-a-vis tagħha huwa "loco parentis"; u dan anki għax ix-xhud ripetutament uriet riluttanza li tixhed; u dan skond dak li hemm maħsub fl-art. 629(2) tal-Kodiċi Kriminali;

5. L-inammissibilità ta' dawk il-partijiet tal-Proċess Verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti u li jikkostitwixxu "hearsay evidence", fir-riferenzi, partikularment, għax-

xhieda ta' Carmen Cauchi, Dolores Cauchi, u Cecilia Fitzpatrick;

6. L-inammissibbilità tax-xhieda ta' Carmen Cauchi, ta' tmien snin, ta' Mary Cauchi, ta' sebgħa snin, u ta' Carmen Aquilina, ta' sebgħa snin, billi huwa evidenti li dawn it-tfal ma jafux li hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz;

7. Illi, f'każ ta' eżitu favorevoli tar-raba' eċċezzjoni, ma tkunx ammissibbli bħala prova d-depożizzjoni mogħtija fl-istadju tal-in ġenere u fil-kumpilazzjoni, kif ukoll kull riferenza għall-istess depożizzjoni fil-Proċess Verbal tal-Maġistrat Inkwirenti;

Rat in-nota tal-Attorney General, li biha kkontesta dawk l-eċċezzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Skond l-art. 409(2) Kap. 12, il-Qorti Istruttriċi tista', taħt dawk il-kawteli li jidhrilha meħtieġa sabiex titħares id-deċenza, teżamina jew tordna li tiġi eżaminata minn periti kull parti tal-ġisem tal-imputat; . . . . . . ;

L-akkużat issottometta illi din id-dispożizzjoni ma kienetx tawtorizza lill-Qorti Istruttriċi li tordna jew tippermetti, kif għamlet bl-imsemmi digriet li jipprelevaw xagħar minn ras l-akkużat;

Fil-fehma tal-Qorti, il-provvediment tal-Qorti Istruttriċi ma jeżorbitax mill-portata ġuridika tal-kelma "eżami ta' kull parti tal-ġisem" tal-akkużat. Kif l-espert seta', bla dubju ta' xejn, skond dik id-dispożizzjoni, jeżamina x-xagħar tal-imputat billi jeżaminah f'rasu stess, il-Qorti ma tarax li jagħmel differenza l-fatt illi, għall-finijiet tal-eżami, kien jeħtieġ li ftit minn dak ix-xagħar jiġi prelevat — operazzjoni li fiha nnfisha ma kienet timporta ebda menomazzjoni tal-integrità fiżika tal-akkużat jew sofferenza;

Jista' wkoll jiġi rilevat illi għall-provvediment mogħti mill-Qorti Istruttriċi ma saret, meta ngħata u ġie eżegwit, ebda oppożizzjoni da parti tal-akkużat jew tad-difensur tiegħu;

Għalhekk, l-eċċezzjoni hi miċħuda;

Dwar it-tieni eċċezzjoni;

Inez Gatt u Imelda Dorington xehdu fil-kors tal-aċċess u ma xehdux fl-istruttorja, għaliex kienu msiefrin. Billi f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jistgħax jingħad illi dawn iż-żewġ persuni ma setgħux jinġiebu bħala xhieda fil-kors tal-istruttorja bil-mezzi li l-liġi tipprovdi, kompriżi r-rogatorji, il-Qorti ma jidhrilhiex li jista' f'dan l-istadju jsir użu mix-xhieda li huma taw fl-aċċess (ara "Regina vs. G. Terreni", 25. VII. 1956) . . . . F'dan is-sens, din l-eċċezzjoni hi milqugħa;

Dwar it-tielet eċċezzjoni;

Waqt it-trattazzjoni, id-difensur tal-akkużat spjega illi l-eċċezzjoni tiegħu hi għal dik il-parti tax-xhieda ta' Cecilia Fitzpatrick, Charles Fitzpatrick u Alfred Fitzpatrick, li tirrigwarda l-inċidenti msemmijin minnhom ta' ħruxija da parti tal-akkużat kontra l-mejjet f'okkażjonijiet preċedenti. Il-Qorti tirritjeni illi dawn ix-xhiediet huma ammissibbli; mhux għaliex jistgħu juru li l-akkużat huwa bniedem li hu kapaċi jikkommetti l-att li lilu hu addebitat, u lanqas in bażi għat-teorija tas-"system of conduct", imma sempliċement għaliex jistgħu jirrilevaw animu ostili tal-akkużat kontra l-mejjet, u jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kwadru tal-ambjent li fih hu allegat li sar il-fatt. Għalhekk, l-eċċezzjoni hi miċħuda;

Dwar ir-raba' eċċezzjoni;

Din mhix kwistjoni ta' ammissibbilità ta' prova. Jekk Carmen Aquiina tixhedx jew le hi kwistjoni li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, eżerċibbli fi stadju ieħor kwante volte x-xhud tinvoka l-privileġġ eskluživament personali tal-eżenzjoni. F'dan is-sens, l-eċċezzjoni hi miċħuda;

Dwar il-ħames eċċezzjoni;

Il-Qorti, fi stadju ieħor tal-proċess, sejra tordna li ma tinqarax dik il-parti tal-proċess verbali li tikkonsisti f'sunt tad-depożizzjonijiet mogħtija fil-kors tal-aċċess minn persuni li sejrin jixhdu quddiem din il-Qorti. Għalhekk, il-meritu tal-eċċezzjoni hu eżawrit;

Dwar is-sitt eċċezzjoni;

Din ma hix kwistjoni ta' inammissibbilità ta' provi. *Jekk ix-xhieda msemmija jixhdu jew le jiddependi* mill-ġudizzju li tifforma l-Qorti dwar jekk ix-xhieda jafux jew le li hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz meta dawk il-persuni jidhru biex jixhdu; u dan skond l-art. 626 Kap. 12;

F'dan is-sens, dik l-eċċezzjoni hi miċħuda;

Dwar is-sebgħa eċċezzjoni;

Illi n-neċċesità ta' din l-eċċezzjoni tiddependi mill-mod kif din il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha għar-rigward tax-xhud hemm imsemmija, k'f intqal hawn fuq a propożitu tar-raba' eċċezzjoni. U għalhekk il-Qorti tirriżerva li tipprovdi dwar din l-eċċezzjoni fi stadju ieħor, jekk ikun il-każ;